**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR JEAN PAUL GRECH**
B.A., LL.D, M.Juris. (INT. LAW), Adv. Trib. Eccl. Melit

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' April 2023**

Kawża Numru: 575/2018/1 (JPG)

**Jazz International Marketing Ltd**

**vs**

**St. John's Pharma Trading Ltd**

- **Preliminari**

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba tas-soċjeta' attrici Jazz International Marketing Ltd ippreżentat fit-12 ta' Dicembru 2018 fejn is-soċjeta' attriċi talbet is-segwenti: -

> *"Tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' €2597,52, rapprezentanta prezz ta' merkanzija mibjugħa, u dana kif se jirrizulta waqt il-mori tal-kawza.*
>
> *Bl-spejjez u bl-imgħax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz u b'hekk l-intimata tibqa' inġunta ghas-subizzjoni."*

Ra r-risposta tas-soċjeta konvenuta li wiegbet: -

Teċepixxi bl-akbar rispett:-

> *1. Preliminarjament s-soċjeta' intimata teċepixxi l-privileġium fori ai termini tal-artiklu 767 et sek tal-Kap 12 stante illi s-soċjeta' intimata hija residenti Għawdex u l-partijiet t-tnejn kienu qablu u fil-fatt għamlu n-negozju ta' bejniethom interament ġewwa Għawdex;*
>
> *2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost fil-mertu t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ma hux minnu illi s-*

*soċjeta' intimata hija kreditriċi tas-soċjeta' rikorrenti izda debitriċi stante illi l-prodotti (li huma prodotti speċifiċi hafna) ġew ikkonsenjati lis-soċjeta' esponenti mis-soċjeta' rikorrenti kif, meta u bil-kwantita' li kienet tiddetermina r-rapprezentant tagħha, Dr. Isabelle Azzopardi stess sabiex waqt li kienet tkun fl-ispizerija kienet tkun tista' tordnahom hi lil klijenti tagħha stess propju. Għalhekk xi stokk kellha s-soċjeta' intimata kienet totalment fid-deskrizzjoni u għazla tas-soċjeta rikorrenti biex tkun dejjem f'pozizzjoni li jkollha l-istock aċċessibli għaliha. Huwa fatt illi l-bejgħ ta' dan l-istock huma marbuta esklussivament mar-riċetti li kienet toħrog Dr. Azzopardi għaliex il-prodotti ma humiex it-tip li wieħed jista' jsejħilhom over the counter.*

*3. Fil-fatt il-ftehim vigenti bejn il-partijiet mil-bidu nett kien illi is-soċjeta' izzomm il-prodotti u tħallas wara li tkun biegħhtihom.*

*4. Illi s-soċjeta esponenti għalhekk ma' għandha l-ebda merkanzija li kienet mibjugħa u kkonsenjata lilha izda pjuttost għandha merkanzija li kienet ħallset għaliha li ma ġietx mibjugħa u għalhekk għandha kreditu fil-konfront tas-soċjeta' attriċi u fir-rigward ser tagħmel talba appozita.*

*Għaldaqstant it-talbiet tas-soċjeta' attrici ma jistgħux jirnexxu u għandhom jigi miċhuda.*

*Bl-ispejjez kollha kontra is-soċjeta' attrici.*

Ra l-kontro-talba prezentata mis-socjeta intimata fejn din ippremettiet:-

*"IIIi s-soċjeta' konvenuta qed tinqeda b'din it-talba sabiex tintavola l-kontro-talba tagħha kontra l-attriċi Jazz International Marketing Limited kif ġej:-*

*(1) Illi s-soċjeta' Jazz International ikkonsenjat u ħalliet fil-pussess tas-soċjeta' St. John's Pharma ammont ta' prodotti tagħha bl-għan li meta tigi r-rapprezentanta tagħha fl-ispizerija ġewwa Għawdex u tuza l-ispizerija għal-iskop li tara l-klijenti tagħha stess, tkun tista tordna lil istess klijenti tagħha sabiex jixtru l-prodotti mil-ispizerija;*

*(2) Illi meta dehrilha din is-soċjeta' għazlet li ma tibqax tmur ġewwa din |-ispizerija;*

*(3) Illi minkejja il għarrfet lis-soċjeta' esponenti b'dan baqgħet ma ġietx biex tiġbor lura l-prodotti tagħha stess;*

*(4) Illi lanqas ma ħallaset lura lis-soċjeta' esponenti prodotti li gew imħallsa mis-soċjeta' esponenti li ma gewx mibjugħa, liema bilanċ kien jammonta għal-hamest-telef mija u wieħed Euro u wieħed u ħamsin ċentezmu (€5101.51) liema ammont wara il jigi paċut mal-bilanc dovut lis-soċjetà Jazz International u cioe is-somma ta' 2857 riklamat minnhom stess, jifdal bilanc favur is-soċjeta' esponent ta' elfejn ħames mija u tliet Euro u disgħa u disgħin ċentezmu, (€2503.99);*

*(5) Kontestwalment ma din il kontro talba l-esponenti qed tipprezenta cedola ta' depozitu biex tiddepozita dawn il-prodotti biex tezimi ruħha minn kull responsabilta taħt il-liġi.*

*Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil dan it-Tribunal jogħgbu jikkundana lis-soċjeta' Jazz International iħallas dan il-bilanċ ta' elfejn hames mija u tliet Euro u disgħa u disgħin centezmu, (€2503.99).*

*Bl-ispejjez. u bl-imghax skont il-ligi,bl-ingunzjoni tar-rikonvenuta in subizzjoni."*

Ra r-risposta ghall-kontro-talba:

*"Illi t-talba rikonvenzjonali għandha tigi miċħuda stante li s-soċjeta' rikorrenti m'għandha tixtri u tħallas xejn hi ta' merkazija li giet mibjugħa lill-intimati kif minnhom stess ordnat;*

*Bl-ispejjez."*

Ra li permezz ta' sentenza preliminaria datata l-ewwel (1) ta' April 2019 minn dan it-Tribunal għal Talbiet Zgħar kif diversament presedut, it-Tribunal caħda l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata dwar il-*privilegium fori* izda ordna li din il-kawza tkompli tinstema' u tiġi deciza mill-istess Tribunal fil-gzira ta' Għawdex.

Ra l-atti kollha tal-proċess inkluz wkoll id-dokumenti kollha prezentati;

Sema' x-xhieda tal-partijiet fil-kawza;

Sema' t-trattazzjoni finali da parti tal-legali tal-partijiet;

Ikkunsidra:

- ***Sintezi tal-Provi Miġbura***

**Dr John Azzopardi**, id-direttur tas-socjeta attrici (Fol. 41 et seq) xehed li huwa dovut lis-socjeta attrici l-ammont ta' € 2,597 rapprezentanti prodotti tax-xagħhar mibjugħa lis-socjeta intimata mis-socjeta attrici. Spjega li meta il-kontendenti bdew in-negozju ta' bejniethom, is-socjeta attrici kienet tat *start up consignment* lis-socjeta intimata. Dan ma kienx tħallas. Kull darba li s-socjeta intimata kienet tbiegħ minn dawn il-prodotti, hija kienet terġa iġġib il-prodotti mingħand is-socjeta attrici. Ix-xhud kompla jgħid li s-socjeta intimata kienet tagħmel numru ta' ordnijiet biex hija tkun tista' tibbenefika mill-prodotti b'xejn li kienu jingħataw. Dawn il-prodotti imbagħad kienu jinbiegħu mis-socjeta intimata u din izzomm il-qliegħ għaliha.

**Dr Isabelle Azzopardi** (Fol. 67 et seq) xehdet bil-mezz tal-affidavit. Hija qalet li hija specjalista tax-xagħar u li kienet tattendi fl-ispizerija tas-socjeta intimata biex tara l-klijenti u tagħti l-pariri medici tagħha fejn tidħol kura għax-xagħar. Dan anke billi tindika lill-klijenti xi prodotti kellhom juzaw biex jottjenu l-aħjar rizultati. Is-socjeta intimata kienet tixtri l-prodotti mingħand is-socjeta attrici u kienet tordna ammonti sostanzjali ta' prodotti biex is-socjeta intimata tkun tista' tieħu l-free bonuses.

Ix-xhud kompliet tgħid li f'Settembru 2018 il-kontendenti qablu li jtemmu n-negozju ta' bejniethom. Is-socjeta intimata ma bagħtitx lura l-istock li kellha u x-xhud ippresummiet li din zammitu biex dan l-istock jkun jista' jinbiegħ mill-istess spizerija. Wieħed ma setax jivvaluta l-istock sakemm dan ma jiġix ritornat. Apparti minn hekk ried jittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li s-socjeta intimata kienet ingħatat ammont ta' prodotti b'xejn. It-tensjoni bejn iz-zewġ partijiet kienet kawzata wkoll mill-fatt li s-socjeta intimata bdiet tippretendi ħlas mingħand is-socjeta attrici biex hija izzomm il-prodotti tagħha fuq l-ixkafef tagħha. Ix-xhud sostniet wkoll li n-nuqqas ta' klijenti għas-servizzi li kienet tagħti l-istess xhud kienu rizultat tas-socjeta intimata stess.

Rigward il-kontro-talba tas-socjeta intimata, x-xhud qalet li s-socjeta intimata baqgħet qatt ma għaddiet lista tal-istock u lanqas ma rritornat l-istock li kien għad baqagħlha. Il-konsenji f'Għawdex kienu jsiru bil-courier u allura li kieku kien hemm xi stock x'jiġi ritornat, dan seta' facilment jiġi ritornat bil-courier.

**In kontro-ezami** x-xhud qalet li l-prodotti li kienu qegħdin jissuplixxu ma kinux jkunu on display. Kienu jkunu ma' xulxin f'kantuniera u l-kumplament kienu jkunu gol-kaxxi. L-ewwel stock kien ingħata *on credit* u imbagħad Marcelle Farrugia kienet tordna skont il-bzonn li kien ikun hemm. Pero s-sinjura Farrugia ma kinitx tkun konsistenti fil-pagamenti. Ix-xhud qalet pero li hija ma kinitx tidħol fin-negozu ta' bejn il-partijiet għax hija kienet sempliciment l-ispecjalista li kienet tattendi fl-ispizerija tas-socjeta intimata biex tara l-pazjenti. Xogħolha kien sempliciment li tara l-pazjenti, toħroġ ir-ricetta u tikkjarifika mas-sid tal-ispizerija dwar

x'prodotti tkun kitbet fir-ricetta tagħha. L-informazzjoni li tat fl-affidavit pero gabitha mingħand John Azzopardi d-direttur tas-socjeta rikorrenti li huwa wkoll zewġha.

**<u>Marcelle Farrugia</u>** (Fol. 113 et seq) wkoll xehdet bil-procedura tal-affidavit. Hija bdiet biex qalet li hija tmexxi St John's Pharmacy fix-Xewkija. Hija kienet ġiet avvicinata minn Jazz International Marketing Limited peress li dawn riedu jintroducu prodotti specifici tax-xagħar. Dawn il-prodotti kienu joħorġu fuq ricetta ta' Dr Isabelle Azzopardi. In-nies kienu jiġu riferiti lilha mill-ispizerija u hija kient tigi darba fix-xahar minn Malta biex tara l-klijenti. In-nies kienu jixtru l-prodotti wara li Dr Isabelle Azzopardi kienet tiktibilhom ir-ricetta. Tgħid li rari kien jinbiegħ prodott mingħajr ricetta tagħha. Sostniet li l-ftehim bejn il-partijiet kien li l-ispizerija toffrilhom spazju fuq l-ixkaffi u huma jieħdu ħsieb imexxu l-prodotti. L-arranġament bejn il-partijiet kien li Dr Isabelle Azzopardi tikteb ir-ricetti u qabel titlaq mill-ispizerija tara xi prodotti jkunu naqsu u tagħmel l-ordni necessarja. Ix-xhud għalhekk sostniet li l-prodotti li ġew konsenjati fl-ispizerija kienu prodotti u kwantitajiet li għazlet l-istess Dr Azzopardi.

Ix-xhud kompliet tgħid li l-ewwel kunsinna ma kinitx ġiet imħallsa u li l-arranġament kien li jekk in-negozju ta' bejniethom ma jibqax, allura l-prodotti kienu jittieħdu lura. L-ewwel kunsinna kienet ġabitha Isabelle Azopardi u irranġat il-prodotti. Dawn ma kinux tħallsu. Hi kienet bdiet tmexxi l-prodotti, tibgħat ix-xogħol li jkun jonqos u l-ispizerija tħallas il-fatturi pendenti matul is-snin.

Meta imbagħad Isabelle iddecidiet li ma tibqax tara aktar pazjenti fl-Ispizerija, ix-xhud qaltilhom biex imorru jaraw xi prodotti baqagħlhom fuq l-ixkafef u jeħduhom lura. Ix-xhud qalet li hija lestiet lista dettaljata tal-prodotti li kien għad baqa'. Dan biex John Azzopardi jkun jaf x'baqa', jlesti r-return note u jinħareġ bilanc ta' dak li kien għadu dovut u minn min.

Marcelle Farrugia kompliet tgħid li meta saru l-kalkoli u John Azzopardi induna li huwa kellu jagħti l-flus lill-ispizerija, hu beda jinsisti fuq il-ħlas ta' € 2,597.52 u li l-prodotti jibqgħu fuq l-ixkafef tal-ispizerija. Hija ma qablitx ma' dan għaliex kienet taf li l-bejgħ tal-prodotti kien dipendenti fuq ir-ricetti ta' Dr Isabelle Azzopardi. Hija sostntiet li ħadd ma zamm lil Azzopardi milli jmur l-Ispizerija biex jivverifika l-prodotti li kien hemm.

Ix-xhud temmet tgħid li veru huwa dovut l-ammont ta' € 2,597.52 lis-socjeta rikorrenti. Pero x'ħin sar l-*istock take* tal-prodotti li kien hemm fuq l-ixkaffef irrizulta li kien hemm l-ammont ta' € 5,101.51 fi prodotti. Għalhekk x'ħin wieħed inaqqas l-ammont dovut lis-socjeta rikorrenti, dan kien iwassal għall-ammont ta' € 2,503.99 favur is-socjeta intimata.

**<u>In kontro-ezami</u>** x-xhud ikkonfermat li hija kienet ġiet avvicinata minn John Azzopardi biex tibda izzomm prodotti tiegħu fl-ispizerija u li kienet sejra tibda tiġi fl-ispizerija Dr Isabelle Azzopardi biex tmexxi l-prodotti. Ix-xhud qalet li fil-bicca l-kbira l-prodotti kienu jinbiegħu bir-ricetta. Rari kien jiġi xi ħadd anke għal *top-up* mingħajr ma jkollu ricetta. Ix-xhud qalet wkoll li s-sistema kienet taħdem billi Dr Isabelle Azzopardi kienet tiġi kull xahar tara l-klijenti, toħroġ ir-ricetti u jekk kienu jinħarġu għaxar affarijiet dawn imbagħad kienu jiġu *replaced*.

Ix-xhud ikkonfermat wkoll li hija kellha bl-ammont ta' ħamest elef ewro (€ 5,000) merkanzija li kienet għadha fl-ispizerija. Mistoqsija għalfejn dawn il-prodotti ma kinux ġew ritornati, ix-xhud wieġbet li dejjem kien hemm l-intendiment li Dr Isabelle Azzopardi tmur l-ispizerija darba fix-xahar biex tara l-pazjenti u tikteb ir-ricetti tal-prodotti. Kien hemm drabi fejn Dr Isabelle Azzopardi ħadet prodotti magħha u inħarġu l-credit notes relattivi.

Mistoqsija għalfejn x'ħin qablu li jtemmu n-negozju ta' bejniethom, ix-xhud ma kinitx bagħtet il-lista tal-prodotti, ix-xhud qalet li l-lista tal-prodotti li kellha kienet intbagħtet. Ix-xhud kompliet tgħid li l-prodotti ma intbagħtux lura għaliex *credit note* għal tali prodotti ma kinitx inħarġet. Ix-xhud ikkonfermat wkoll li l-prodotti ma kinux tali li kienu sejrin jinbiegħu mingħjar ricetta.

- ***<u>Kunsiderazzjonijiet Fattwali</u>***

Ikun opportun li qabel mat-Tribunal jgħaddi sabiex jagħmel il-kunsiderazzjonijiet tiegħu, huwa jelenka l-fatti in kawza:

(a) Is-socjeta attrici daħlet f'negozju mas-socjeta intimata fejn hija bdiet tissupplixxi prodotti tax-xagħar lis-socjeta intimata sabiex dawn jinbiegħu mill-ispizerija tagħha. Fl-istess ħin bdiet tattendi fl-ispizerija Dr Isabelle Azzopardi li kienet toħroġ ir-ricetti għall-bejgħ ta' dawn il-prodotti wara li tara l-klijenti u tagħtihom pariri dwar il-kura li jkollhom bzonn għal xagħarhom;

(b) L-ewwel kunsinna ma kinitx tħallset mis-socjeta intimata. Is-socjeta intimata bdiet tbiegħ il-prodotti u imbagħad terġa tirripristina l-istock li jkun naqas. Dan billi anke kienet tieħdu l-ordnijiet Dr Isabelle Azzopardi meta kienet tkun l-ispizerija biex tara l-klijenti tagħha;

(c) Maz-zmien kienu anke bdew jinħarġu l-fatturi mis-socjeta attrici lis-socjeta intimata, liema fatturi kienu qegħdin jitħallsu mis-socjeta intimata;

(d) Wara li s-socjeta intimata bdiet topera minn post ġdid, bdew il-problemi bejn il-partijiet għaliex is-socjeta intimata kienet talbet lis-socjeta rikorrenti biex hija tħallas kontribuzzjoni fix-xahar talli izomm il-prodotti tagħha *on display* fl-ispizerija. Is-socjeta rikorrenti ma accettatx dan u l-partijiet ftehmu li jitterminaw in-negozju ta' bejniethom;

(e) Is-socjeta rikorrenti talbet għall-ħlas li kien għadu dovut lilha għall-merkanzija li kienet ġiet konsenjata lis-socjeta intimata. Min-naħa tagħha pero s-socjeta intimata insistiet li ma kellha tagħti xejn lis-socjeta rikorrenti anzi kellha tieħu l-flus mingħand is-socjeta rikorrenti. Dan għar-raġuni li hija kellha stock li kien jaqbez l-ammont ta' ħamest elef ewro (€ 5,000) li ried jiġi ritornat lis-socjeta rikorrenti. Mill-valur ta' dan l-istock ried

jitnaqqas l-ammont dovut lis-socjeta rikorrenti. Peress li s-socjeta rikorrenti kellha tieħu anqas mill-ammont ta' stock li kien hemm, is-socjeta intimata kellha tiġbor id-differenza mingħand is-socjeta rikorrenti, liema differenza kienet tlaħħaq l-ammont ta' € 2,503.99;

Ikkunsidra:

Illi fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni tal-privilegium fori sollevata mis-socjeta intimata, din ġia ġiet indirizzata fis-sentenza suriferita tal-ewwel (1) ta' April 2019. Għalhekk issa jonqos biss li jiġi deciz il-mertu – precizament it-talba u l-kontro-talba u l-eccezzjonijiet fil-mertu li ingħataw mill-partijiet għat-talbiet li saru.

- **<u>It-Talba tas-Socjeta Rikorrenti</u>**

Minn ezami tal-atti processwali huwa car li s-socjeta intimata mhux qed tikkontesta li l-ammont ta' € 2,597.52 huwa dovut lis-socjeta rikorrenti. Dan huwa konfermat minn diversi elementi fl-atti. Insibu konferma fl-emails li kienu qegħdin jiġu skambjati bejn il-partijiet direttament qabel ma bdew il-kwistjonijiet legali bejn il-partijiet.[1] Hemm konferma wkoll fl-affidavit tal-istess Marcelle Farrugia[2] kif wkoll fil-kontro-ezami tal-istess Marcelle Farrugia.[3] Anke fil-kalkoli li tagħmel is-socjeta intimata għall-fini tal-kontro-talba hija tirrikonoxxi li dan l-ammont kien dovut lis-socjeta rikorrenti. Dan kollu għalhekk ma jistax ħlief jammonta **<u>għall-ammissjoni li l-ammont ta' € 2,597.52 reklamat mis-socjeta rikorrenti huwa għalhekk dovut</u>**. Dan apparti wkoll il-fatt li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti jirrizulta mill-invoices u mill-istatement li ġew prezentati mis-socjeta rikorrenti. Il-veracita ta' dawn l-istatements fl-ebda ħin ma ġiet kontestata mis-socjeta intimata. Dan kollu għalhekk jinnewtralizza l-eccezzjonijiet kollha fil-mertu imressqa mis-socjeta intimata fir-risposta tagħha għat-talba. It-talba tas-socjeta rikorrenti għalhekk timmerita li tiġi milqugħa.

- **<u>Il-Kontro-Talba tas-Socjeta Intimata</u>**

Min-naħa tagħha s-socjeta intimata qegħda titlob li s-socjeta rikorrenti tiġi ordnata tirrifondi l-ammont ta' € 2,503.99 li huwa l-bilanc li skont hi jibqa' dovut lilha wara li mill-valur ta' € 5101.51 stock li hija għandha jitnaqqas il-valur dovut lis-socjeta rikorrenti.

**<u>It-Tribunal pero ma jqisx li din it-talba tas-socjeta intimata hija ġustifikata għas-semplici raġuni li mill-atti ma jirrizultax li s-socjeta intimata spussessat ruħha mill-istock li tiegħu qed titlob rifuzjoni tal-ħlas</u>**. Għalkemm fil-kontro-talba s-socjeta intimata tgħid li *"kontestwalment mal-kontro-talba qed tipprezenta cedola ta' depositu biex tiddeposita dawn il-prodotti biex tezimi ruħha minn kull responsabbilita"*,[4] prova ta' din ic-cedola ta' depositu

---

[1] Ara email a fol.118
[2] Fol. 114, paragrafu 10 tal-affidavit ta' Marcelle Farrugia;
[3] Ara pagni 5 – 6 tal-kontro-ezami ta' Marcelle Farrugia.
[4] Fol. 17

baqgħet ma inġabitx. Anzi mill-atti processwali jirrizulta li l-prodotti baqgħu qatt ma ġew depositati fir-Reġistru tal-Qorti. Il-legali tas-socjeta intimata fit-trattazzjoni tagħha tindika li l-oġġetti in kwistjoni kienu qegħdin stivati l-ufficcju tagħha u li tali prodotti ilhom hemm tul il-proceduri kollha.[5] Irrispettivament mill-fatt jekk dawn il-prodotti baqgħux fl-ispizerija tas-socjeta intimata jew inkella imxew għall-ufficju tal-legali tas-socjeta intimata, jibqa' l-fatt li s-socjeta intimata ma spussessatx ruħha mill-oġġetti li tagħhom qed titlob li tieħu rifuzjoni mingħand is-socjeta rikorrenti. Is-socjeta intimata ma tistax tippretendi li hija tieħu mingħand is-socjeta rikorrenti rifuzjoni ta' prodotti li baqgħu taħt il-kontroll tagħha. Inkella jiġi li hija tkun qed tagħmel qliegħ indebitu b'detriment għas-socjeta rikorrenti.

It-Tribunal iqis li ma kien hemm xejn xi izomm lis-socjeta intimata milli hija tirritorna dawn il-prodotti lis-socjeta rikorrenti jekk verament hija ma riditx li tibqa' izzomm dawn il-prodotti. Dan aktar u aktar meta mill-korrispondenza esebita r-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti stess kien dispost li jiġbor dawn il-prodotti u saħansitra indika l-indirizz fejn dawn riedu jitwasslu.[6] Kien sigurament fl-interess tas-socjeta intimata li hija tirritorna dawn il-prodotti aktar u aktar meta skont kif xehdet l-istess Marcelle Farrugia dawn il-prodotti ftit kien hemm ic-cans li jinbiegħu jekk Dr Isabelle Azzopardi ma kinitx sejra tibqa' tattendi fl-Ispizerija tas-socjeta intimata biex tara l-klijenti.[7] It-Tribunal għalhekk ma jifhimx kif fl-istess nifs is-socjeta intimata tgħid li kien se jkun difficli għaliha li tbiegħ dawn il-prodotti jekk Dr Isabelle Azzopardi ma kinitx se tibqa' tattendi għal sessjonijiet ma' klijenti fl-ispizerija u fl-istess ħin ma iddisponietx minn dawn il-prodotti jew billi iddepositathom il-Qorti jew inkella billi għamlet l-arranġamenti biex dawn jittieħdu fil-warehouse tas-socjeta rikorrenti. Kien fl-obbligu tas-socjeta intimata li hija tiddisponi minn dan l-istock jekk dan l-istock ma kienx se jkun aktar utli għaliha u jekk riedet li hija tingħata rifuzjoni tiegħu.

F'okkazzjoni minnhom jidher wkoll li r-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti mar wkoll fl-Ispizerija tas-socjeta intimata fejn talab li jiġi ritornat l-istock. Dan irrizulta mill-kontro-ezami ta' Marcelle Farrugia.[8] It-Tribunal ma jifhimx kif f'dik l-okkazzjoni l-istock ma ġiex rilaxxat mis-socjeta intimata lil Dr John Azzopardi, aktar u aktar meta l-istess socjeta intimata kienet ġia għamlet stock take tal-prodotti kollha li kellha zejda.

Fic-cirkostanzi għalhekk it-Tribunal ma jistax jasal biex jikkonkludi li huwa dovut xi ammont lis-socjeta intimata għax l-ammont li s-socjeta intimata qed tirreklama huwa rifuzjoni ta' stock li effettivament baqa' għand l-istess socjeta intimata. La darba s-socjeta intimata ma iddisponietx mill-istess stock, ma tistax tirreklama rifuzjoni tiegħu u per konsegwenza t-talbiet tagħha fil-kontro-talba ma jistgħux jiġu milqugħa.

- ***<u>Decide</u>***

[5] Ara paġna 6 tat-trattazzjoni.
[6] Fol. 5
[7] Fol. 114, paragrafu 8 tal-affidavit ta'' Marcelle Farrugia.
[8] Pagna 7 tal-kontro-ezami ta' Marcelle Farrugia.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq espressi u l-kunsiderazzjonijiet hemm magħmula dan it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi:

(a) Jilqa t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lis-socjeta intimata sabiex tħallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' elfejn ħames mija u sebgħa u disgħin ewro u tnejn u ħamsin centezmu (€ 2,597.52) bl-interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tat-tnax (12) ta' Dicembru 2018 (id-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba) sad-data tal-effettiv pagament;

(b) Jicħad it-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjoni tas-socjeta intimata ossia l-eccezzjonijiet fil-mertu kollha tas-socjeta intimata;

(c) Jicħad it-talbiet tas-socjeta intimata hekk kif kontenuti fil-kontro-talba tagħha u per konsegwenza għalhekk jilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta rikorrenti għall-kontro-talba tas-socjeta intimata.

L-ispejjez tat-talba u tal-kontro-talba għandhom jkunu kollha a karigu tas-socjeta intimata.

(ft)Dr. Jean Paul Grech
*Gudikant*

(ft)Rebekah Mizzi
*Deputat Reġistratur*

Vera Kopja

Għar-Reġistratur